**TAL-PIETA`**

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 49

It-Tnejn, 17 ta' April, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti is-Sindku Zoya Attard, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Mark Pisani u Stefano Savo.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**1. MINUTI**

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 48 li saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2023, kienu approvati wara li fil-paragrafu 7.2, flok il-kelma "Centru", dahlet il-kelma "Lvant".

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Josef Fitzpatrick li informa li kien xoghol.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

*3.1* **Tipping Fees**
Is-Segretarju Ezekuttiv informa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ghadu qed jara dan il-kaz u sadanittant kien qed isir hlas tas-servizz u parti mit-*tipping fees* lir-Regjun Lvant.

**4 KORRISPONDENZA**

*4.1* Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-istedina ghal ANZAC Day u li ghaliha kien se jattendi il-Vici Sindku.

*4.2* Is-Sindku infurmat lill-Kunsill ukoll dwar żewġ skemi tad-DLG li ma kenux japplikaw ghall-Kunsill. Wahda dwar il-libreriji pubbliċi u l-ohra dwar proġetti li saru qabel mill-Gvern Centrali.

**5 MISTOQSIJIET**

*5.1* Il-Vici Sindku Camilleri informa li kien hiereg drenaġġ minn proprjetà` fi Pjazza San Luqa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sanita` kienu infurmati dwar dan.

*5.2* Il-Vici Sindku Camilleri informa li wieħed mid-drivers tal-Kunsill kien qed jgħid lir-residenti li l-battrey tal-van kienet tieqaf sal 11.00am u li l-battrey kienet tiswa tant eluf, etc. Kien hemm qbil li għandna nkellmu lid-drivers sabiex dan l-agir jieqaf.

*5.3* Il-Kunsillier Savo ġibed l-attenzjoni li hemm diffikultà ta' aċċess għal-Kappella tad-Duluri. Huwa issuġġerixxa li jekk ikun hemm xi skema, il-Kunsill japplika biex jitjieb l-aċċess.

5.4 Il-Kunsillier Pisani informa li hemm zokk ta' siġra kbir fit-Torpedo Depot biex jingabar.

5.5 Is-Sindku issuġġeriet biex tintalab l-approvazzjoni ta' TM sabiex isiru xi tip ta' bollards fil-kantunieri ta' Triq San Luqa k/m Triq Santa Monika u dan sabiex jinqata' l-abbuż ta' parkeġġ f'dawn il-kantunieri.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Iskola Primarja ta' Tal-Pieta` kienet se torganizza School Celebration Day u l-Kunsill kien se jaghti numru ta' kotba lill-istudenti.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 45. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-6.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Hamis, 18 ta' Mejju, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku